**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' April, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Joseph Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 562179M**

***Kumpilazzjoni Nru. 688/2011***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit u ċioè talli:

> Nhar il-5 ta' April, 2011, għall-habta ta' 8.15pm u hinijiet qabel fi Triq Sammat, Rahal Gdid, saq vettura tal-ghamla Ssang Yong numru tar-Registrazzjoni EQZ219 u
>
> 1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Bernice Farrugia minn Rahal Gdid u Francis Farrugia minn Rahal Gdid u Clayton Cachia mill-Fgura skond kif icccertifikaw Dr Stephanie Camilleri Reg. 5225, Dr. Attard Biancardi Reg. 3124 u Dr S. Saliba minn Mater Dei.
>
> 2. fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vetturi tal-ghamla Subaru numru tar-registrazzjoni CAF093 ghad-detriment ta' Francis Farrugia minn Rahal Gdid u fuq vettura tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni GBB382 ghad-detriment ta' Raymond Galea minn Haz-Zabbar.
>
> 3. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

4. fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'sejbien ta' htija, Joseph Zammit jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru, 2012,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' April, 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-7 t' April, 2016.

Illi l-**Ispettur Spiridione Zammit** xehed li kien gie rappurtat incident tat-traffiku fi Triq Santa Ubaldeska, kantuniera ma Triq Sammat, Rahal il-Gdid.[2] Investigazzjonijiet zvelaw li z-zewg vetturi nvoluti kienu Subaru bin-numru CAF093 misjuqa minn Francis Farrugia, li kien riekeb ma bintu, u Ssang Yong bin-numru EQZ219 misjuqa mill-imputat li kien fil-kumpanija ta' Melvin Scorfna u Clayton Cachia. Is-sinjuri Farrugia kif ukoll is-Sur Cachia kienu gew ccertifikati bhala li soffrew feriti gravi fejn dan tal-ahhar kienu anke sarulhu punti fuq il-*bridge* ta' mniehru. L-investigazzjonijiet komplew juru li l-imputat kien qed isuq fi Triq Sammat filwaqt li dik ta' Farrugia fi Triq Ubaldeska fejn sehh l-impatt mal-vettura tal-imputat.[3] Vettura ohra li ggarbet hsarat kienet Toyota bin-numru GBB382 li kienet ipparkjata fi Triq Sammat wara li l-vettura tal-parte leza, bid-daqqa li garrbet laqtitha. L-imputat kien rrilaxxa stqarrija fejn stqarr li kien kera l-vettura li kienet qed tinstaq minnu jumejn qabel l-incident. Cahad li kien abbuza minn xi alcohol jew sustanzi illeciti.[4] Ikompli *"Le ma kontx qed insuq b'velocita` qawwija pero` ma kellix cans nibbrejkja ghax harigli vann tghidlix*

[1] Fol.125
[2] Fol.11
[3] Fol.12
[4] Dok. SZ1 a fol.32

*x'inhu u nafu dan ghax qaluli...niehu l-methadone biex ma nabbuzax mid-droga..ili clean ghal din l-ahhar sena."*[5]

Illi **PS1495 Joseph Muscat** xehed kif hu kien gie nfurmat b'incident tat-traffiku fejn kienu korrew xi persuni. Irrizulta li l-kollizjoni sehhet f'salib it-toroq bejn Triq Sammat u Triq Ubaldeska. L-impatt kien fuq il-van Subaru u tali impatt tant kien qawwi *"li s-sinjuri mbezqu mill-vann, bid-daqqa mexa diversi metri l-fuq fit-triq...il-van filli ghaddej hekk filli tela' mkaxkar il-fuq....**ma l-impatt il-vann spara ruhu l-fuq**."*[6] Ix-xhud iddeskriva il-vettura Subaru bhala wahda zghira *"qisu minn dawn it-toasters.... l-iehor huwa vann robust hafna. Il-vann robust kellu wkoll hsara kbira fuq in-naha ta' quddiem."* mentri d-daqqa fuq is-Subaru kienet ftit lura mill-bieba tal-passigier. Meta tkellem ma Dr. Attard Biancardi gie infurmat li Francis Farrugia kellhu dizabilita` permanenti fejn kien safa' paralizzat mill-ghonq l-isfel.[7] PS Muscat jghid li wara Francis Farrugia beda jiccaqlaq ftit, kellhu ftit sahha fid-driegh u beda juza *wheelchair*. Dwar il-post fejn sehh l-incident ix-xhud jghid li t-Triq Santa Ubaldeska, minn fejn kien gej Francis Farrugia tiddjieq u *"inti bilfors tigbed fuq in-naha l-ohra...biex inti ma taqbadx sintendi l-hajt....il-corners huma very sharp...fit-toroq m' hemm ebda stop sign."* Jghid li *"l-impatt bumm bumm. Ma kien hemm ebda brake mark.".* [8]

Ix-xhud ikkonferma l-okkorenza tieghu[9] kif ukoll kopja tal-iskizz.[10] F'dan ir-rapport jirrizulta li s-Subaru garrbet hsarat estensivi tant li l-vettura giet deskritta "*total [recte] loss. Extensive damages all sides*"[11] u li ma kienx possibli tittiehed il-verzjoni tas-sinjuri Farrugia *a tempo vergine* minhabba l-kundizzjoni taghhom fejn kienu ttiehdu l-isptar permezz ta' ambulanza.[12] Il-vettura misjuqa mill-imputat kellha hsarat estensivi fil-parti ta' quddiem tal-vettura.[13] Fil-verzjoni tieghu l-imputat kien qal li *"he was **proceeding uphill** along Sammat Str and as he reached St. Umbadaleska cross road something happened. The driver added that [he] does not know what happened except he felt a hug[e] blow on the front of the vehicle."*[14]. Jigi nnutat li *a tempo vergine* **l-imputat ma jaghmel ebda accenn ghall-fatt li kien wasal f'salib it-toroq jew li kien naqas l-ispeed tieghu minhabba f'dan il-fattur**.

Illi l-istess ***Full Road Traffic Accident Report*** jiccertifika li d-dwal kienu mixghulin (kien bil-lejl) l-asphalt kien f'kundizzjoni tajba u r-road surface kien *"dry"*. Kienet saret hsara fuq in-naha ta' quddiem ta' vettura Toyota li kienet ipparkjata fi Triq Ubaldeska kif ukoll hsara minima saret fuq il-

[5] Fol.33
[6] Fol.17-18
[7] Fol.19
[8] Fol.21
[9] Dok. SZ5 a fol.36
[10] Dok. PS a fol. 27
[11] Fol.39
[12] Fol.38
[13] Fol.43
[14] Fol.41

*boundary wall* ta' gnien ta' residenza.[15] Is-Surgent Muscat ikkonferma wkoll li l-imputat kellhu kemm licenzja tas-sewqan kif ukoll assikurazzjoni valida skond il-ligi.[16]

Illi **Bernice Farrugia** xehdet li kienet fil-vettura ma missierha li kien qed isuq izda dwar kif sehh l-incident ma ftakret ebda dettal tant li ghall-ewwel hasbet li l-vettura kienet inqalbet. Quddiem il-Qorti gie kkonstat li minn distanza (bejn il-pedana tax-xhieda u l-Magistrat) ma kienx hemm evidenza ta' *scaring* fuq wicc ix-xhud izda f'distanza ta' ftit pulzieri wiehed seta' jindividwalizza '*hairline scar* li fieqet fuq l-upper lip tal-left cheek, farrett zghir taht il-geddum li tkun vizzibli meta ix-xhud tgholli ghonqa u farrett iehor fuq il-minkeb tax-xellug'.[17] In kontro-ezami tikkonferma li t-triq minn fejn kienet hierga l-vettura ta missierha hija aktar catta minn Triq Sammat li hi aktar wieqfa[18]. Ix-xhud indikat "l-area" li kienet tinsab l-vettura ta' missierha wara li sehh l-incident fuq skizz.[19]

Illi **Melvin Scorfna** li kien riekeb fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat qal li **kienu xi 8.15pm** u kienu sejrin lejn dar ta' habib taghhom. Kienu tielghin it-telgha ta' Palm Street gejjin minn naha tal-Marsa u diehlin lejn Rahal il-Gdid. Jghid li ma ra xejn izda hass id-daqqa. Jiddeskrivi is-sewqan ta' Zammit bhala wiehed li ma kienx eccessiv u ghalkemm hu ma jsuqx jghid li dan kien qed isuq b'xi 50km.[20] Wara l-impatt ra lil Cachia b'wiccu kollu demm.

Illi **Clayton Cachia** jiddeskrivi kif kien passiggier ma' Zammit u kienu tielghin minn Triq Sammat u mal-ewwel kantuniera habbtu ma vettura ohra. Ghalkemm ma jafx l-ispeed li kienet qed isuq l-imputat jghid *"ma nafx l-ispeed x'kien ezatt, pero` mhux bil-mod hafna lanqas bis-sahha hafna...speed normali li ssuq fi triq, hekk mhux main road".*[21] Il-Qorti setghet tikkonstata illi mill-pedana tax-xhieda u cioe' bejn 3 u 4 piedi, deher farrett ta' madwar 2-3 cm bejn l-eyebrows u l-bridge tal-imnieher tax-xhud. Jghid li dak li sehh ma sehhx minhabba t-tort jew it-traskuragini ta' Zammit u ghalhekk ma ghandu xejn x'jahfirlu.[22]

Jigi sottolinejat li dan ix-xhud filwaqt li jiddeskrivi il-velocita` tas-sewqan tal-imputat, simili ghall-verzjoni moghtija *a tempo vergine* mill-imputat, **ma jaghmel ebda riferenza li l-istess imputat kien naqqas dik il-velocita` jew waqaf x'hin wasslu f'salib it-toroq**!

---

[15] Fol.46
[16] Fol.22
[17] Fol.57
[18] Ibid.
[19] Dok. BF a fol.16
[20] Fol.64
[21] Fol.68
[22] Fol.69

Illi gew prezentati certifikati medici dwar l-imputat (mahrug minn Dr Attard Biancardi);[23] dwar Bernice Farrugia (mahrug minn Dr Stephanie Camilleri);[24] dwar Francis Farrugia (mahrug minn Dr Attard Biancardi)[25] u dwar Clayton Cachia (mahrug minn Dr S Saliba),[26] fejn jigi dikjarat li l-feriti sofferti kienu ta' natura hafifa, gravi per natura u gravi rispettivament.

Illi **Dr Stephanie Camilleri** wara li kkonfermat ic-certifikat mediku taghha ddikjarat li hi kklassifikat il-griehi ta' Bernice Farrugia bhala gravi u dan peress li kienu fil-wicc fejn setghu ghalhekk ihallu marki permanenti. Minn distanza ta' bejn pied u nofs u zewg piedi it-tabiba ma setghet tara ebda tracca tal-feriti li kienet garrbet Bernice Farrugia u dan wara li kienu sarulha punti fuq l-imsemmija ferita.[27] **Dr Samantha Saliba** li ezaminat lil Clayton Cachia kkonfermat ic-certifikat mahrug minnha u tikkonferma li kien minhabba l-ferita li garrab fil-wicc li hi kklassifikat il-griehi bhala gravi.

Illi **Dr Mark Anthony Attard Biancardi** kklassifika l-griehi subiti minn Zammit bhala ta' natura hafifa. Rigward Francis Farrugia jixhed li dan soffra ksur f'ghonqu, fl-iscapula ta' dirghajh u giet kompromessa in-*neurological system* tieghu biex b'hekk il-griehi gew klassifikati bhala gravi. [28]

Illi l-kirurgu **Joseph Borg** xehed li hu kien il-konsulent kuranti ta' Francis Farrugia fejn fis-7 t'April, 2011, kien operah. *"Il-pazjent kellu ksur f'ghonqu li **rrendieh paraplegiku, il-pazjent ghadu sa issa ma jistax iccaqlaq la idejh u lanqas saqajh"***. Jiddeskrivi l-hsara bhala definitivament irreparabbli ghaliex *"ghandu complete spinal cord injury ...L-operazzjoni saritlu mhux biex jista jmur ghall-ahjar, saritlu biex ikun jista' jzomm rasu fuq ghonqu u jkun jista' joqghod bilqeghda ahjar fuq wheelchair ...**ebda spinal cord injury m'hija riversibbli**."*[29] L-feriti li soffra kienu kompatibbli ma incident stradali, *"dan qabel kien isuq, kien hemm incident....huwa tant incident ta' vjolenza, it is a high velocity injury nghidulu li ma tistax tigri hlief **b'accident qawwi** kif kellhu s-sur Farrugia."*[30]

Il-Kirurgu Borg jiddeskrivi l-hsara subita minn Farrugia hekk: *"Mr Farrugia has sustained one of the most devastating injuries possible. The effects of this injury cannot be interpreted only in the light of the physical sequelae. He has completely lost his independence and the social and psychological effects of this injury are as far reaching. He cannot take care of his daily needs such as feeding and washing. He needs constant care by trained staff to try and avoid further complications that often ensue such as pressure sores and chest*

[23] Dok.SZ9 a fol.30 wara li l-Qorti accertat ruhha li l-kopja esebita kienet kopja awtentika tal-original.
[24] Dok. SZZ a.fol. 31
[25] Dok. SZ3 a fol.36
[26] Dok.SZ4 a fol.35
[27] Fol.61
[28] Fol.88
[29] Fol.135
[30] Fol.136. Vide ukoll rapport Dok. SZ12 a fol.137

*infections. He will also need structural modifications of his place of residence.... I would estimate the disability sustained at 95%.".*[31]

Illi **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li l-vettura bin-numru CAF093 kienet tappartjeni lil Francis Farrugia, dik bin-numru EQZ219 kienet registrata fuq Patrick Xuereb sa mill-20 t'April, 2011, u dik bin-numru GBB382 registrata fuq Raymond Galea.[32] Mid-dokumentazzjoni esebita mix-xhud jirrizulta li dik il-vettura fiz-zmien tas-sinistru kienet registrata fuq Jeremy Paul Bonello ta' En Route Malta Drive Ltd.[33] **Raymond Galea** xehed li l-vettura hi ta' ibnu li kien ipparkja hdejn id-dar tal-gharusa tieghu minn fejn kienet intlaqtet minn vettura wara habta ma vettura ohra.[34]

Illi **Clive Mifsud** esebixxa ritratt li kien ha minn fuq il-bejt tar-residenza tieghu li tinsab fit-triq fejn sehh is-sinistru.[35]

Il-Qorti thoss li hu opportun tirrileva li l-unika ritratt prezentat f'dawn l-atti kien dak esebit minn terz, Clive Mifsud.[36] Dan id-dokument kien ta' ghajnuna kbira biex il-Qorti tifhem aktar id-dinamika tal-impatt. Il-Qorti kienet tistenna li l-pulizija, galadrabba kienet ghazlet li ma taghmilx inkjesta magisterjali minkejja kien hemm persuni li soffrew offizi gravi, minn tal-inqas tassigura ruha li x-xena tigi fotografata minn scene of crime officers! Din ghandha certament tkun ir-regola kemm il-darba jkun hemm suspett li twettaq reat. Jibqa l-oneru fuq il-Pulizija Ezekuttiva li tassigura ruhha li ggib l-ahjar evidenza sabiex tissostanzja akkuzi potenzjali sabiex issir gustizzja mal-akkuzat kif ukoll mal-vittma.

Illi **Francis Farrugia** ta rakkont dettaljat dwar dak li sehh fil-5 t'April, 2011. Spjega kif kien qed isuq fi Triq Santa Ubaldeska u malli wasal fil-kantuniera ma Triq Sammat, peress li kien jghix fl-inhawi[37] u kien konxxju mill-fatt li t-toroq hemmhekk huma dojoq fejn mall-ewwel issib xi hadd fuqek, u fejn ta' sikwiet ikun hemm habtiet zghar, *"waqaft u harist il fuq u l-isfel. ...**Jiena harist 'il fuq u 'l isfel u ma rajt lil hadd. Hrigt bil-mod. Ghaddejt kwazi kollni. Hassejt daqqa kbira fuq in-naha ta' wara fuq il-bieb ta' wara tan-naha tal-passigier. Bid-daqqa spiccajt sitta u ghoxrin (26) pied 'il gewwa go [triq] Sammat.** Jiena kont qed insuq gewwa Triq Santa Ubladeska biex nibqa gewwa Ubaldeska. Bid-daqqa spiccajt metri 'l gewwa f'Sammat. Triq Sammat hija naqra ghat-telgha'. Bid-daqqa tlajt il-fuq...Qabel*

[31] Fol.140-141
[32] Fol.76
[33] Dok. SC a fol.79 et seq. Vide fol.80
[34] Fol.90
[35] Dok.SZ11 a fol.126
[36] Vide **Dok.SZ11** a fol.129
[37] Fol.149 - Arcade Street fejn kien jghix tinsab zewg kantunieri boghod minn fejn sehh is-sinistru.

*hrigt jiena harist kemm stajt, kemm ippermettieli l-anglu. Nikkonferma li kellhi vizzwali ta' erbghin (40) pied 'il-fuq u l-isfel.".*[38]

In kontro-ezami jikkonferma dak li qal fl-ezami filwaqt li jaghti dettalji ohra bhal per ezempju li fil-hin tal-incident kien hin tal-muzew u ghalhekk fejn ikun hemm tfal li jkunu fit-triq fejn trid tinghata aktar attenzjoni u tigi ezercitata prudenza akbar minn sewwieq, partikolarment ta' sewwieq familjari mal-akkwati kif kien l-parte leza. Ikompli jispjega li fi Triq Santa Ubaldeska kien hemm vetturi pparkjati maz-zewg nahat u biex hareg kellhu jghaddi bejniethom u fejn, (anke kif jikkonferma PS Muscat it-triq taghlaq u xuffiera jkollhom jghafsu ftit lejn in-naha tax-xufier).[39] *"Jista' jkun li ghafast ftit lejn in-naha tax-xufier biex nghaddi ghaliex it-toroq huma dojoq u kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq."*[40] Jikkjarifika li hu u hiereg minn Triq Santa Ubaldeska ***"ma waqftx dead stop. Kont pero` fuq il-first gear nitharrek u ma kontx ghaddej b'aktar minn 10 kilometru fis-siegha....Dak il-hin kien ghadu dawl tajjeb. Ma kellhiex ghalfejn nixghel id-dawl tal-vettura."***[41]

Illi **Joseph Zammit** ghazel li jixhed u qal li kien tiela' Palm Street wara li qabez ic-cimiterju tal-Addolorata, *"Issa t-triq filli tkun wiesa' filli tidjieq hafna jigifieri l-van li kelli jiena bil-kemm jghaddi ghax fuq din in-naha kien hemm il-karozzi u jigifieri triq dejqa tigi ghalija*[42]*..... Kif wasalt kantuniera ma' Triq [recte: Sammat] minn hemm 'l hemm tghidliex x' gara*[43]*..... Jiena tiela' minn triq dritta. Kif wasalt ma' Triq [recte: Sammat] hemmhekk tghidliex x' gara. Hassejt daqqa".*[44] L-imputat jghid li ghandu zewgt swaba paralizzati u baqa' jhoss tnennim f'idejh mill-minkeb l-isfel, filwaqt li cahad li kien taht l-influwenza ta' xi droga jew li kien xurban. Jghid li ma kienx qed isuq *"Full speed"*[45] li peress li t-triq telgha, il-vettura kienet kwazi d-daqs tat-triq li kien ikollha vetturi pparkajti fuq naha u kien hemm muzew. In kontro ezami filwaqt li jtenni li kull ma ftakar kienet id-daqqa tal-habta, l-imputat ma kienx f'posizzjoni jindika l-velocita` li kienet qed tinstaq il-vettura li jiddeskrivi kienet ta' cilindrata 2.8.[46]

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE:**[47]

---

[38] Fol.148-149
[39] Fol.18 per PS1495 Joseph Muscat: *"t-triq, ghalkemm mhijiex daqshekk wiesa' – peress illi wkoll jipparkjaw karozzi.....minn fejn gej it-traffik, inti bilfors tigbed naqra fuq in-naha l-ohra-ha niftiehmu – biex inti ma taqbadx sintendi l-hajt"* - fol.21
[40] Fol.149
[41] Fol.149
[42] Fol.178
[43] Fol.179
[44] Fol.181
[45] Fol.182
[46] Fol.183. Vide ukoll Engine Details a fol.79
[47] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju…..

…..Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita`bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."

Illi fis-sentenza **Ciantar v Gatt**[48] gie citat l-**Chirani** li qal:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**.[49]

"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

[48] Qorti tal-Appell Civili; 15.05.1926, per Onor. Imhallef Luigi Camilleri

[49] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu, 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater

familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[50]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

[50] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[51]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: <u>so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable</u>".[52] [sottolinejar tal-Qorti]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[53] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[54] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[55] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[56]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.** [emfazi tal-Qorti]

---

[51] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[52] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67
[53] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju
2001).
[54] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[55] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.
[56] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[57]

Illi dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali fejn l-persuna ghalkemm ma tkunx tilfet hajjitha, tkun soffriet xi tip ta' ferita.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar[58]** gie deciz:

"Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati

[57] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

[58] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004.

minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:
"*Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** *(Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :
"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Illi ghalhekk sabiex tirrizulta l-culpa, din il-Qorti trid tassigura ruhha li jezisti ness bejn xi att attribwibbli lill-imputat u r-rizultat, u cioe' bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti.

Hekk kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella:**[59]

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide **Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia** - Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Cassar Desain** deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3 la possibilita di prevedere.*

---

[59]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 19.05.2014 per Onor. Magistrat Dr Consuelo Scerri Pilar, citata fis-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**, Il-Pulizija vs Joseph Farrugia**, per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 05.10.2015

Fl-istess sentenza gja citata ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, dik il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[60]

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….*

*L-imputat kellu d-dover bhala driver li jzomm "a proper lookout" u "to see what is in plain view". (Vide Appell Kriminali datat ghaxra ta' Awissu, 1963 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Vella**).*

*Infatti gie ritenut wkoll li :*

*"min ma jarax dak li ragonevolment kellu jara, jfisser li ma kienx qed jzomm proper lookout. " (Vide Appell Kriminali dataf sbatax ta' Gunju, 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs J. M. Laferla**).*

*Il-kuncett ta' proper lookout gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qorti Ingliza fil-kaz **Newhaus N.D. Bastion Insurance Co. Ltd.,** (1968) fejn gie ritenut li:*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road passing through a built-up area, of the pavements or the side of the road as well.""*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** iddikjarat: **[61]**

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella" -** [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side,*

[61] Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

*and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])......

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi f'decizjoni ohra tal-istess Qorti gie deciz:-

… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[62].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[63] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, fis-sentenza fl-ismjiet: **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'[64]

Illi il-***Kodici Ghat-Traffiku Fit-Triq*** jipprovdi kif gej:

**Sewqan f'inhawi mibnija**
**191. Toroq residenzjali dojoq.**
<u>Dejjem ghandek issuq bil-mod u b'attenzjoni speċjalment</u> fejn ma jkunx hemm bankini jew *sidewalks* fejn jistghu jkun hemm *pedestrians, cyclists* jew karozzi pparkjati. F'xi nhawi, jista' jkun hemm limitu ta' l-oghla velocità ta' 35 kph. Oqghod attent ghal:

- **vetturi li jkunu hiergin minn trejqiet jew garaxxijiet.**
- **vetturi li qed jaqilghu (specjalment dawk minghajr ma jaghmlu sinjali).**
- ***pedestrians* li jkunu juzaw il-karreggata.**

**Ghaqda ta' zewg toroq**
**205.** <u>Uza aktar attenzjoni f'ghaqda ta' zewg toroq jew f'salib it-toroq</u>. Hares ghas-sinjali tat-traffiku, dawl ghat-traffiku jew marki tal-karreggata relattivi u obdihom. IEQAF fejn ikun hemm sinjali 'STOP'. <u>Suq bil-mod</u> u çedi d-dritta fejn ikun hemm sinjali 'GIVE WAY'. <u>Fejn ma jkunx hemm sinjali bhal dawn, uza d-diskrezzjoni u l-prudenza.</u>

**Id-Dritta tat-Triq**
**214.** F'salib it-toroq jew ghaqda ta' toroq li ghandhom l-istess importanza ghat-traffiku, meta l-vetturi jaslu f'salib it-toroq jew fil-post ta' fejn jiltaqghu t-toroq fl-istess waqt, <u>**ghandha tinghata precedenza lill-vetturi fuq in-naha**</u>

[62] **Pulizija vs Joseph Grech**, deciza 06.06.2003
[63] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013
[64] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003

**tal-lemin**, jekk ma jkunx hemm tabelli li jindikaw xort' ohra. Izda, fejn it-toroq jiltaqghu flimkien f'ghamla T, it-traffiku li jkun fit-triq id-dritta jkollu preçedenza fuq it-traffiku tat-triq l-ohra.

Illi s-sinistru sehh f'April 2011, meta l-inkroccju kien **bejn toroq tal-istess importanza** u fejn ma kienx hemm *stop signs*.[65] Minn ikun tiela minn Triq Sammat (gej mid-direzzjoni ta' Triq il-Palma) aktar ma javvicina salib it-toroq aktar ghandu vizzwali cara ta' Triq Santa Ubaldeska peress li Triq Sammat (li tibda f'telgha) tillivella ruhha ma Triq Santa Ubaldeska, tant li kif tasal fil-kantuniera tal-forn[66] wiehed bilfors ikollu jnaqqas hafna l-velocita` sabiex jikkonstata jekk hux gejjin vetturi minn Triq Santa Ubaldeska.[67]

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-hsara fuq il-vettura tal-imputat tinsab kollha fuq quddiem u ghalhekk il-habta kienet *"broadside collision"*[68] fejn l-imputat saq dritt ghall-gol-genb tal-vettura ta' Farrugia li **kienet qed tinstaq fuq il-lemin tieghu**. Din ghandha rilevanza ai fini ta' dak li jipprovdi ir-**Regolament 214** tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq appena citat. Ir-**Regolament 191** tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq fil-fatt jipprovdi li f' toroq residenzjali dojoq dejjem ghandek issuq bil-mod u b'attenzjoni peress li l-limitu tal-velocita` jista' jkun ta' 35km/h! Iktar minn hekk skond ir-**Regolament 205 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq,** sewwieq li wasal f'salib it-toroq mistenni, juza l-prudenza. ***Ghalhekk il-prudenza tirrikjedi li dejjem ghandu jinzamm 'a proper look out'.***

Fil-fatt Zammit jibqa' ma joffri ebda informazzjoni dwar dak li ghamel jew ra xhin wasal f'salib it-toroq; indikazzjoni cara li ma ha ebda azzjoni differenti u baqa' ghaddej daqs li kieku baqa' fi triq wahda: *"Kif wasalt kantuniera ma' Triq [recte: Sammat] minn hemm 'l hemm tghidliex x' gara[69]..... Jiena tiela' minn triq dritta. Kif wasalt ma' Triq [recte: Sammat] hemmhekk tghidliex x' gara. Hassejt daqqa".*[70] Jghid li **ma kienx ghaddej *full speed***[71] filwaqt li fl-istqarrija tieghu iddikjara: *"Le ma kontx qed insuq b'velocita` qawwija pero` ma kellix cans nibbrejkja ghax harigli vann tghidlix x'inhu u nafu dan ghax qaluli....".* L-imputat jistqarr li ma ftakarx jaf bl-liema velocita` kien ghaddej.[72] Issa filwaqt li Scorfna jixhed li l-imputat kien qed isuq b'xi **50km/h**,[73] fl-ebda hin ma jsemmi li malli wasslu fil-kantuniera waqqfu jew

---

65 Xhieda PS 1495- fol.21. Vide ukoll Current Incident Report: ***"It is to be noted that no give way or stop signs are situated there at and no brake marks were observed."***-fol.46

66 Jinsab fi Triq Santa Ubaldeska izda kantuniera ma' Triq Sammat.

67 Irid jigi rilevat li fortunatament illum is-sistemazzjoni tat-traffiku fil-post fejn sehh is-sinistru giet indirizzata u fi Triq Santa Ubaldeska biswit il-forn hemm *stop sign* u saret one-way li minnha johorgu vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' Triq Palma. Saret ukoll one-way il-parti ta' fuq ta' Triq Sammat, fejn minnha johorgu vetturi fid-direzzjoni ta' Triq Palma.

68 *"Broadside collision"* issehh meta il-habta tkun bejn il-quddiem tal-vettura u l-genb tal-vettura ohra.

69 Fol.179

70 Fol.181

71 Fol.182

72 Fol.33

73 Fol.64

almenu rralentaw biex jikkonstataw kienx gej xi traffiku (minn Triq Santa Ubaldeska). Anke il-passigier l-iehor Clayton Cachia ma jsemmi xejn f'dan is-sens:*: "ma nafx l-ispeed x'kien ezatt, pero` mhux bil-mod hafna lanqas bis-sahha hafna...speed normali li ssuq fi triq, hekk mhux main road".*[74]

Illi ma kien hemm ebda *brake marks*[75] fi Triq Sammat; indikazzjoni li l-imputat lanqas lahaq ra lill-parte leza jittraversa dik it-triq minn quddiemu. Fil-fatt Farrugia jixhed li kien kwazi ghadda ghal kollox Triq Sammat (biex ikompli sejjer fi Triq Ubaldeska)[76] u ghalhekk **bilfors f'xi hin sewwieq li qed jezercita' l-attenzjoni dovuta u jsuq bil-galbu, kellhu bizzejjed hin biex jarrah quddiemu; f'xi moment hu u tiela` Triq Sammat Farrugia kien in his line of vision izda minkejja dan xorta baqa' jsuq ghal go fih!**

Illi dwar il-velocita` permessa fit-triq fejn sehh is-sinistru jigi sottolinejat li din kienet ta' **45km/h.** Dan jirrizulta mill-Full Road Traffic Accident Report **"Speed Limit (kph): 45"**.[77] Sahansitra kien mistenni minnu li jieqaf u josserva r-**Regolamenti 205 u 214 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq** u jaghti precedenza lill-vetturi fuq il-lemin.

**Mill-provi ghalhekk jirrizulta li l-imputat naqas milli jzomm 'a proper look out', milli jsuq b'kawtela, bil-velocita` permessa u b'dik il-prudenza mistennija meta wiehed javvicina salib it-toroq. Il-hsarat li garbet is-Subaru, fejn ittajret ghal ftit metri l-fuq, jindika b'mod cjar li l-imputat kien qed isuq ferm izjed mill-45km/h permess u fl-ebda hin ma waqaf kif wasal fil-kantuniera izda baqa ghaddej dritt bhal li kieku baqa' fi triq wahda minghajr intersezzjonijiet. Il-fatt li bis-sahha tad-daqqa is-Subaru spiccat sabiex ittajret il-fuq, laqtet hajt fuq naha ta' triq kif ukoll vettura fuq in-naha l-ohra tal-istes triq, turi bic-cjar l-intensita` tad-daqqa, liema intensita` hi attribwibbli ghal velocita` tas-sewqan tal-imputat.**

Ghaldaqstant wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-incident kien attribwibbli lill-imputat u dan minhabba is- sewqan traskurat u perikoluz tieghu.

In vista li l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab htija, issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Sean Sinclair Pace:**[78]

"Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici Penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

---

[74] Fol.68
[75] Fol.46 u fol.21
[76] Farrugia kien qal: "***Hrigt bil-mod. Ghaddejt kwazi kollni."- fol.149.***
[77] Fol.45
[78] Appell Nru. 519/2015, Deciz 26.05.2016. Onor Imhallef Dr Edwina Grima.

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***[79]

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[80]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."...........***

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta' l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[81].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati kemm dawk kontravvenzjonali kif ukoll dak ta'l-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Cilia u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-konfront tas-surgent Christopher Ellul. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.".

---

79 Fid-decizjoni preliminari citata, rigward is-sentenza fl-ismijiet "**Rex v. Rosaria Portelli**" [23.02.1904 – Kollez. XIX.iv.1], il-Qorti rriteniet li din ma tistax jinghata piz preponderanti, sija in vista tal-konkluzjonijiet ohra li waslu ghalihom il-Qrati taghna f'decizjonijiet sussegwenti, u sija, principalment, ghax ir-*ratio decidendi* f'dik is-sentenza kien ispirat u koncentrat l-aktar fuq il-kwistjoni tan-*ne bis in idem*.

80 **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012

81 **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** – 11/01/1994 App.Sup

Illi maghdud dana kollu, l-Qorti tistqarr illi f'dana l-incident kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma ukoll, izda mhux biss fis-sens li ssemmi d-difiza fin-nota taghha. Fil-fatt il-parte leza Farrugia jammetti li dawl tal-vettura tieghu ma kienux mixghulin.[82] Issa mill-provi jirrizulta li l-incident sehh fil-5 t'April ghall-habta tat-8 ta' filghaxija fejn tkun qalbet is-siegha w **inzul ix-xemx ikun ghall-habta tas-7.30pm**; **mall-inzul tax-xemx jiskatta l-obbligu li vettura li qed tinstaq ikollha d-dwal mixghulin**! Dan hu kkonfermat mill-Full Road Traffic Accident Incident Report fejn jinghad-

***"Lighting Condition: Darkness- Street Lights Lit; Time of Day: Night"***[83]

Illi r-regolament 152 **Kodici ghat-Traffiku fit-Triq** jipprovdi ukoll:

**152.** Ara li l-bibien ikunu maghluqa sew, u jekk ikun bil-lejl, li jkollok id-dwal mixghula.
**Bil-lejl**
**245.** Bil-lejl dejjem suq bi *speed* adattat ghat-tul li jwassal id-dawl tieghek sabiex tkun tista' tieqaf fil-hin jekk ikun hemm bzonn.
**246.** Bil-lejl, f'inhawi mibnija, uza l-fanali l-kbar ta' quddiem b'dawl baxxut.
**247.** F'toroq mhux imdawlin uza dejjem il-fanali l-kbar ta' quddiem….
**249.** Kun zgur li permezz tad-dawl tal-vettura tieghek, **tkun tista' tara, u haddiehor jarak**. Bi nhar, kull meta l-vizibilità tkun batuta, ixghel id-dawl…..
**253.** Kun zgur li d-dwal tieghek **ikunu mixghulin matul il-hin li jinxteghlu d-dwal tat-toroq, *i.e.* bejn inzul u tlugh ix-xemx**. Ara li kemm id-dwal ta' quddiem kif ukoll dawk ta' wara u dwal tan-numru tar-registrazzjoni jkunu mixghulin bil-lejl.
**256.** Meta tkun qed tavviccina ghaqda ta' zewg toroq jew meta tkun se taqla' vettura ohra matul il-hin li tixghel id-dawl, **ixghel u itfi d-dawl biex turi li riesaq jew immanuvra -** bhal iddoqq il-horn. Dan jgharraf lill-ohrajn fit-triq li hemm int.

Illi mill-provi, *inter alia*, il-**Full Traffic Incident Report** appena citat, hemm indikat il-hin li fih sehh is-sinistru: kien dak tat-**8pm** u sahansitra Melvin Scorfna jghid li kienu xi **8.15pm**.[84] Bla ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li fil-bidu t'April ghall-habta tat-8pm ikun ghadu dawl tajjeb! Ghalhekk ma jistax ikun dak li jikkontendi l-parte leza li "*Dak il-hin kien ghadu dawl tajjeb. Ma kellhiex ghalfejn nixghel id-dawl tal-vettura.*".[85] Fil-fatt fil-hin anke mas-7.30pm ikun naqas sew id-dawl naturali tant li vetturi juzaw side-lamps (anke minn hin ferm qabel) u dan hekk kif obbligati bir-regolamenti tat-traffiku imsemmija aktar il-fuq. Jigi osservat ukoll li fejn sehh l-incident, fil-kantuniera f'salib it-toroq, hemm hitan li jdawwru l-erba kantunieri li jkomplu jdallmu l-akkwata; akkwata li fi kliemu kien tant familjari taghha. Ghalhekk kien aktar messu jixghel d-dwal meta kien jaf li

[82] Fol.149
[83] Fol.46
[84] Fol.64
[85] Fol.149 per Francis Farrugia

qed javvicina post li jiddeskrivih bhala wiehed fejn ta' spiss kienu jsehhu "habtiet zghar" ghaliex "mal-ewwel issib xi hadd fuqek"! [86]

Illi in oltre l-parte leza ammetta li hu ma kienx waqaf *"dead stop"* xhin wasal fil-kantuniera bejn Triq Sammat u Triq Santa Ubaldeska izda jghid li kien qed isuq b'xi 10km/h. Hu jghid li kien hares il-fuq u l-isfel qabel ma hareg u meta hares il-fuq u l-isfel kellhu vizzwali ta' 40 pied fuq iz-zewg nahat. Il-Qorti izda issibha difficli tifhem kif jekk verament Farrugia hares sew u b'attenzjoni lejn Triq Sammat, fejn fi kliemu kellhu vizzwali ta' 40 pied, dan fl-ebda hin ma lemah lill-imputat gej fid-direzzjoni tieghu! Partikolarment kif qed jghid hu kien kwazi qasam it-triq kollha meta qala' d-daqqa.[87] Jinghad ukoll li kien fi Triq Santa Ubladeska li kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat[88] u mhux fi Triq Sammat. Ghalhekk ma jirrizulta li ma kien hemm ebda ostakulu iehor li permezz tieghu il-vizzwali ta' Triq Sammat giet ostakolata. Anzi Triq Santa Ubaldeska tippermetti vizzwali cara ta' Triq Sammat. Minn dan kollu l-Qorti tqis li **Farrugia ukoll naqas milli jzomm 'a proper look out' u jezercita l-prudenza rikjesta** minn sewwieq li wasal biex jittraversa triq u sahansitra f'salib it-toroq. Ir-regolamenti 191 u 205 gja citati jassumu rilevanza f'dan ir-rigward.

Illi madanakollu hu risaput illi f'materja penali il-*"contributary negligence"* tal-vittma jew tal-persuna danneggjata, ma hiex skuzanti sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. Jekk tirrizulta tista', ghall-massimu, sservi biss bhala raguni ghall-mitigazzjoni tal-piena. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kondotta tal-parte leza Farrugia kienet l-kawza unika tas-sinistru.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat gew kollha ppruvati sal grad rikjest mil-ligi.

Illi gew prezentati numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li fihom il-konnotati tal-imputat.[89] Ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement pruvat ukoll.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero` ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali. Ghalkemm konxxja mill-hsara mgarrba mid-diversi persuni, u senjatament minn Francis Farrugia, din il-Qorti ma ghandhiex il-kompitu li tillikwida d-danni sofferti minnhom. Il-piena qatt ma ser isservi sabiex titpatta l-hsara li ggarbet mill-vittmi kawza tas-sinistru partikolarment dik li soffra Farrugia. Il-piena erogabbli ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat. Giet kkunsidrata wkoll il-fedina penali tieghu w ic-cirkostanzi

[86] Ibid.

[87] *Jiena harist 'il fuq u 'l isfel u ma rajt lil hadd. Hrigt bil-mod. Ghaddejt kwazi kollni. Hassejt daqqa kbira fuq in-naha ta' wara fuq il-bieb ta' wara tan-naha tal-passigier; fol.148-149*

[88] Fol.149

[89] Dok SZ6 sa Dok SZ7 a fol. 49 et seq. Dok. SZ8 a fol.52 isservi sabiex tigi ppruvata r-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali peress li d-data tirrisali ghat-28 t'April 2006.

kollha tal-kaz minn fejn jirrizulta li ghalkemm is-sinistru jirrisali ghal 2011, hafna mid-dewmien kien dovut ghall-imputat innifsu.[90] Isir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

Fil-verita l-iskop tal-piena mhuiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[91]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[92]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;....[93]

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 226(1)(a)(b), 328(b)(d) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah ghal seba' xhur prigunerija.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

---

[90] Fil-fatt il-Qorti tinnota li kemm il-darba l-imputat naqas milli jidher ghal dawn il-proceduri u dan kif jixhdu l-verbali tal-26 ta' Gunju, 2012, 18 ta' Lulju, 2012, 29 t' Awissu, 2012, 13 ta' Marzu, 2014, 10 ta' Marzu, 2015, 13 ta' Mejju, 2016 u 7 ta' Marzu, 2017, fejn anke kellhom jinhargu mandati ghall-arrest tieghu sabiex jidher ghal dan il-procediment.

[91] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

[92] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

[93] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**